**ALBERT MARSHALL**

# *Turiha 'l Ħadd Dil-Poeżija*

**turiha 'l ħadd dil-poeżija
maħbuba
żommha biss għalik w għalija.**

**kemm sigħat itiru nilgħab waħdi ma' qattus
b'qasba f'idejja
meta ħadd ma jkun iħares
niġbidlu denbu**

**kemm sigħat inqatta' nomxot xagħar il-pupu
li darba tajtni int
meta ħadd ma jkun iħares
inbusu fuq ġbinu**

**kemm sigħat itiru naqra l-ħrejjef
li jsakkru lit-tfal żgħar
meta ħadd ma jkun iħares
nirreċtahom**

**kemm sigħat ħarsti msammra fuq il-warda
nisimgħek tgħanni waħdek mal-kitarra
fuq xatt ramli ta' malta titbennen ġo lejla sajfija
meta ħadd ma jkun iħares
ngħanni miegħek**

**kemm immaħħaħ bla ma nieqaf
dwar it-tfajjel ta' ġo fija
meta ħadd ma jkun iħares
nobromlu żrara mdaqqsa ġewwa l-fidda
attaparsi ċikkulata**

**kemm inqatta' sigħat twal nitbissem hieni
sakemm kliem għamil jaqsamli qalbi
meta ħadd ma jkun iħares
minn għajnejja jfur id-dmugħ**

**turiha 'l ħadd dil-poeżija
maħbuba
żommha biss għalik w għalija**

**tidħaqx bija jekk tagħfsek qalbek
tidħaqx ibki ftit għalik w għalija**

**Analiżi kritika tal-poeżija**

"Turiha 'l ħadd dil-poeżija" ta' Albert Marshall

Fix-xogħol letterarju "Turiha 'l ħadd dil-poeżija" Albert Marshall, permezz tat-tħaddim f'waqtu ta' diversi mekkaniżmi artistiċi, jirnexxilu jisfuma l-fażijiet li jikkaratterizzaw il-ħajja umana – iż-żgħorija, iż-żgħożija u l-fażi adulta – f'xulxin. Meta l-qarrej-kritiku jfannad f'din l-organizzazzjoni ta' kliem, minnufih jintebaħ li dil-kitba hija prodott tal-moderniżmu, primarjament minħabba l-inkonklussività tagħha: hi tispiċċa bħalma tibda, mingħajr ebda ħjiel ta' progress.

Sa mill-ewwel versi, "Turiha 'l ħadd dil-poeżija" tindika li hija poeżija apostrofika lejn l-hekk imsejħa "maħbuba" tal-poeta. Marshall huwa interessat li jaqsam il-ħsus tiegħu ma' din il-mara biss u dan b'ton intimu. Huwa jħaddem funzjoni konattiva sabiex hi ma tiżvelax il-poeżija. Għad li Marshall jesponi diversi ħsus lil din il-figura femminili, hemm żewġ versi li jnisslu dubju dwar min tista' tkun din il-mara. Ir-riferiment għall-"pupu li darba tajtni int" fit-tielet strofa jista' jagħti l-impressjoni li l-poeta qed jirreferi għall-omm, iżda l-impressjoni ġenerali fil-poeżija hi li qed ikellem b'mod intimu lill-maħbuba tiegħu li biex taqsam imħabbitha miegħu, imma anki biex tevoka t-tfulija, tatu pupu. Imbagħad fil-ħames strofa, il-kelma "warda" tagħti l-impressjoni tas-sbuħija u l-fraġilità ta' mħabba ħalliema, u għalhekk il-figura tal-maħbuba tieħu l-forma magħrufa ta' xi tfajla li għandha relazzjoni ta' mħabba mal-poeta. F'din l-istrofa t-tiġrib sensorju tal-poeta jolqot il-għajn għax fl-ewwel tliet versi jiffoka fuq is-sens tal-ħars ("ħarsti msammra"), fuq is-smigħ ("nisimgħek tgħanni") u l-mess ("xatt ramli" u "lejla sajfija" li jagħtu ħjiel tas-sħana li jġib miegħu dan l-istaġun). Din l-osservazzjoni toħloq effett senswali għaliex il-qarrejja mhux talli jiġu mistiedna jivviżwalizzaw ix-xena fil-menti tiegħu iżda jirnexxilhom jġarrbu x-xena fil-fantasija tagħhom.

L-importanza tal-maħbuba f'għajnejn il-poeta tikber permezz tal-istruttura tal-poeżija li tikkumplimenta s-sens. Il-poeta jirriżerva żewġ versi mill-poeżija għall-maħbuba, li għalih hija ċentrali u ħdejha ma joqgħod ħadd. L-aħħar erba' versi tal-poeżija huma sinifikanti għaliex fejn qabel Marshall kien qed jitlob indirettament l-attenzjoni tal-maħbuba, f'dawn il-versi huwa jesprimi x-xewqa għall-kompassjoni tagħha: "ibki ftit għalik w għalija." Filwaqt li l-poeta jrid jibni barriera bejnu u bejn l-umanità għaliex dejjem jaġixxi "meta ħadd ma jkun iħares," irid jitwaħħad magħha billi meta tibki għaliha, tibki wkoll għalih. B'dal-mod, bejn ħajtu u ħajjitha sseħħ fużjoni.

"Turiha 'l ħadd dil-poeżija" hija msejsa fuq il-kunċett tas-segretezza. Il-poeta mhux biss jgħatti b'mantar skur l-azzjonijiet tiegħu anke jekk dawn jidhru futili jew tat-tfal żgħar, bħar-reċtar tal-ħrejjef, iżda jrid jaħbi wkoll il-kontentut tal-poeżija, għajr lill-maħbuba. Madankollu, meta t-titlu jiġi iżolat mill-poeżija u analizzat, il-konklużjonijet diġà jikxfu l-personalità tal-poeta. Bil-kliem "Turiha 'l ħadd dil-poeżija," il-qarrejja minnufih jintebħu li Marshall jippreferi jopera fis-satra u jħobb jeżerċita l-awtorità fuq ħaddieħor għaliex fil-fatt it-titlu stess huwa kmand. Il-poeta jipprova jikkontrolla saħansitra l-uniku oġġett ta' qalbu, il-maħbuba tiegħu: dan huwa implikat bi vrus bħal "tidħakx bija" u "żommha biss għalik w għalija." Eventwalment, din l-asserzjoni

tikkonferma l-motiv wara l-għemejjel mistura tiegħu, jiġifieri huwa jopera fil-moħbi sabiex ħadd ma jipprova jgħassu u jikkontrollah, lanqas dawk li nissluh, il-ġenituri. Sabiex jenfasizza l-kontroll li hu jrid jeżerċita fuq il-maħbuba, Marshall jimpjega anafora (“tidħakx bija/tidħakx”) lejn l-aħħar tal-poeżija li timplika li jrid jibqa’ jikkontrollaha fuq livell emottiv, jew, donnu għall-kuntrarju, jitlobha bil-ħniena.

Marshall jinqeda b’għadd ta’ personifikazzjonijiet, per eżempju, “sigħat itiru,” “ifur id-dmugħ,” u “tagħfsek qalbek,” metafori li jindikaw nuqqas ta’ kontroll tal-bniedem fuq l-emozzjonijiet tiegħu u fuq il-mixja tal-ħin. Barra minn hekk, juża prosopopea bil-kliem “il-ħrejjef li jsakkru.” Bit-tħaddim ta’ din it-teknika artistika, il-poeżija tindika li anke l-inuman għandu l-qawwa li jħalli r-raddi fuq ħajjet il-bniedem. Każ tipiku huwa l-kunċett tas-sigħat għaliex għad li ż-żmien mhuwiex tanġibbli huwa propju hu li jkerrah is-sabiħ, li jbiddel kull stat tal-bniedem, li juri sabiħ dak li kien ikrah u għalkemm jimxi bis-skiet fi dmirijietu, meta jgħaddi jerġa’ lura biss għall-ħlas. Bil-personifikazzjoni “jfur id-dmugħ“ tinħass akkumulazzjoni ta’ tiġrib negattiv. Marshall jisħaq fuq il-kunċett tal-akkumulazzjoni anke permezz tal-kelma “kemm” li tinsab fil-bidu ta’ sitt strofi konsekuttivi.

Il-poeżija fiha wkoll ossimoru (“kliem għamil”) li jimplika li mhux l-azzjonijiet biss għandhom is-setgħa li jikkawżaw danni emottivi u psikoloġiċi iżda anke l-kliem jista’ “jaqsamli qalbi.” Permezz ta’ dan l-ossimoru, Marshall ikejjel bl-istess miżura t-taħdit u l-għamil billi jqiegħed ħdejn xulxin żewġ dinjiet li huma fundamentalment distinti minn xulxin.

Eventwalment, xejra oħra li tiddetermina l-bixra tematika ta’ “Turiha ’l ħadd dil-poeżija” hija l-għażla tal-għalqa lessikali. Fil-bidu l-poeżija tinqeda b’reġistru donnu tat-tfal bi frażijiet bħal “nilgħab waħdi,” “niġbidlu denbu,” “nomxot xagħar il-pupu,” “naqra l-ħrejjef,” u “tfal żgħar.” Madankollu, fil-ħames, fis-sitt, u fis-seba’ strofa l-vokabularju huwa marbut aktar maż-żgħożija u l-fażi adulta, bħal fil-każ ta’ “warda,” “tgħanni waħdek mal-kitarra,” u “immaħħaħ bla ma nieqaf.” Dawn iż-żewġ reġistri huma marbutin b’żewġ karatteristiċi: l-użu tal-verbi fil-preżent u t-tendenza rikorrenti li l-poeta jopera “meta ħadd ma jkun iħares.” Il-fatt li l-lessiku huwa meħud minn żewġ għejun ewlenin jissuġġerixxi li l-poeżija ma tagħlaqx il-lenti fuq fażi distinta iżda minflok hija rendikont tal-ħajja tal-poeta b’mod sħiħ. L-użu tal-verbi fil-preżent anke meta Marshall jalludi għal tfulitu jimplika li l-atteġjament prinċipali tal-poeta lejn iċ-ċirkostanzi li jgħum fihom huwa immutabbli. Għaldaqstant, dan it-twaħħid tat-tempi kollha f’temp wieħed huwa sinifikanti għaliex jindika kemm il-passat huwa preżenti fil-futur u minkejja li s-“sigħat” ibiddlu l-kors fiżiku tal-ħajja l-intuwizzjonijiet nfilsati fil-persuna matul tfulitha jixxettlu magħha b’mod dejjiem. Ironikament, huwa propju fl-aħħar żewġ versi li l-poeta japplika modulazzjoni fit-temp għaliex bil-kondizzjonal “jekk tagħfsek qalbek” huwa jestendi l-poeżija lejn il-futur. Barra minn hekk meta l-poeta jordna lill-maħbuba sabiex jekk tagħfasha qalbha tibki lilu u lilha, il-qarrejja jintebħu li l-poeta jrid saħansitra jaħkem il-futur.

Is-sitt strofa toħroġ element misterjuż fil-ġewwieni tal-poeta. L-immaġni tat-“tfajjel ta’ ġo fija” hija ħjiel ta’ personalità kumplessa. Hu jinsab konxju li minkejja li min jitwieled

tond ma jmutx kwardu, jeżisti pont bejn iż-żgħorija u l-fażi adulta. Dan l-istess pont jista' jwassal għat-taħsir għaliex aktar ma wieħed jikber, aktar isir sors ta' qerq għal ta' madwaru u saħansitra għalih innifsu, "nobromlu żrara mdaqqsa ġewwa l-fidda/għat-taparsi ċikkulata." Barra minn hekk, bis-saħħa tal-kelma "mmaħħaħ," il-poeta donnu jrid jaċċenna għall-ħsibijiet rikorrenti li jtaqqlu l-menti meta wieħed isir adult, "immaħħaħ bla ma nieqaf." Eventwalment, joħroġ fid-deher ukoll li hija inizjattiva tiegħu li jikkommetti nofs suwiċidju billi jeqred it-"tfajjel" (metafora tal-passat). Dan iwassal għall-kriżi ta' identità għaliex wieħed ma jistax jifhem konxjament il-preżent jekk irid ixejjen il-passat.

Marshall isensel dil-poeżija bi struttura li testendi s-sens ta' din l-organizzazzjoni ta' kliem. "Turiha 'l ħadd dil-poeżija" hija magħmula minn strofi distiċi, terzini, kwartini, u anke sestini. L-użu intenzjonat tal-kwartini u tas-sestini jagħti l-impressjoni li l-kwartini ntużaw mill-poeta sabiex jalludi għal tfulitu: perjodu li ma jtulx wisq. Madankollu, meta Marshall jaċċenna għaż-żgħożija u l-fażi adulta huwa jinqeda bis-sestini sabiex donnu jitfa' dawl fuq il-fatt li ż-żgħożija u l-fażi adulta huma itwal mit-tfulija. Barra minn hekk, minħabba li l-maġġoranza tal-versi jwarrbu kull regola prosodika, il-poeżija turi li mhijiex konvenzjonali u li tersaq ħafna lejn ir-ritmu naturali tat-taħdit. Dan jissuġġerixxi n-nuqqas ta' konformiżmu fl-esperjenzi li ġarrab il-poeta għaliex uħud mill-esperjenzi damu u ħallew riperkussjonijiet fuq ħajtu filwaqt li kien hemm esperjenzi oħrajn li setgħu dehru insinifikanti iżda li xorta ħallew it-timbru tagħhom fuqu.

In-nuqqas ta' punteġġatura u b'mod speċifiku n-nuqqas ta' punt ta' waqfa anke fit-tmiem tal-poeżija jindika li l-bniedem, magħmul minn ġisem u ruħ, huwa spiritwalment etern. Jispikkaw ukoll l-asindeto u n-nuqqas ta' ċesuri li lkoll jitfgħu dawl fuq il-fatt li għall-poeta ħajtu hija mixja kontinwa u irrevokabbli li fiha l-esperjenzi li jġarrab ma jistgħux jiġu iżolati minn xulxin għaliex fir-realtà kull esperjenza ħalliet it-traċċi tagħha u affettwat il-mod kif iħares lejn it-tiġrib. Lejn tmiem il-poeżija, Marshall jinqeda bil-vers projettiv biex donnu jaqta' linja bejn il-preżent u l-futur b'tali mod li jikkomplimenta s-sens tal-versi aħħarija, li għall-kuntrarju tal-vrus ta' qabilhom huma fil-futur. Bir-ripetizzjoni tal-ewwel strofa, li hija fl-imperattiv, Marshall ifakkar lill-maħbuba dak li kien talabha fil-bidu: "turiha 'l ħadd dil-poeżija/ maħbuba /żommha biss għalik w għalija." Din it-terzina hija l-unika strofa li tirrima u din ir-rabta fil-ħoss bejn il-versi tikkonferma r-rabta intima bejn il-poeta u l-maħbuba.

It-ton tal-poeżija jikxef ukoll il-burdata tal-poeta. Fl-ewwel strofa t-ton huwa awtorevoli, madankollu fis-sitt strofi ta' wara jidħol ton kontemplattiv sakemm fit-tmien strofa l-poeta jirrikorri mill-ġdid għall-imperattiv, għat-talba-kmand. Dan it-ton juri li l-poeta jixtieq jikkontrolla s-sitwazzjoni, u fl-istess ħin qed jitlob l-għajnuna. Għax permezz ta' din il-poeżija, Albert Marshall jesplora ħajtu u l-emozzjonijiet kumplessi tiegħu u jistieden lill-qarrejja biex jinqdew bil-poeżija bħala punt ta' tluq għar-riflessjoni personali.

---

**M'Lourdes Borg**
Studenta tat-tieni sena fil-Livell Avvanzat
Ħajr lis-Sur Salvu Seisun u lil Dr. Adrian Grima